# IL-Ħuttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 20
Mejju Gunju 1997

Stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA

## Ir-Ruħ tal-lejl...



paġ 4




paġ 9



## KS2

paġ 8



## x'inhi...

paġ 3

## ALIVE



Raymond Galea

Ċiefa

editorjal



# Hbieb



Ħafna nies jaħsbu li d-dinja hija tagħna l-bnedmin biss. Jaħsbu li l-ħolqien qiegħed hemm biex jaqdi lilna n-nies biss. Jaħsbu li d-dinja nistgħu nagħmlu biha li rridu u li jogħġobna.

Veru li d-dinja qegħda biex ingawduha. Imma rridu niftakru li din id-dinja mhix tagħna biss. Barra milli hija tagħna, hija wkoll id-dinja ta' miljuni ta' annimali u miljuni ta' pjanti. Ħeqq, fejn tridhom jgħixu dawn jekk mhux fid-dinja! Fl-ispazju? Fil-qamar?

Veru wkoll li l-bniedem sar l-aktar b'saħħtu fid-dinja. Bl-għodda u l-magni li vvintajna, xejn donnu ma jista' għalina! Tafu li għandna biżżejjed bombi biex nisploduha d-dinja jekk irridu (kemm sirna bravi, hux)!

Imma b'daqshekk ma jfissirx li għandna noqogħdu nagħmlu l-arja u naħsbu li aħna l-'heroes' tad-dinja. Anzi bil-maqlub...

Issa li aħna l-bnedmin sirna daqshekk b'saħħitna, għandna d-dmir li lill-annimali naqbżu għalihom kontra min jaħqarhom. L-istess bħalma kieku niddefendu lil ħutna ż-żgħar kontra xi buli.

U intom, Ħuttaf, m'hemmx għalfejn toqogħdu tistennew sa ma tikbru biex tagħmlu l-parti tagħkom. Ibdew minn issa.

Kunu minn issa d-difensuri tan-natura.



Victor

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?

| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet | paġ 3 |
| Mid-Dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 20 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...il-BARBAĠANN | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Gallerija | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 - 9 |
| Nowtbuk tan-Natura | paġ 9 |
| Baħħara tal-Galàpagos | paġ 10 |
| Gruppi Lokali | paġ 11 |
| Avviżi | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera | paġ 12 |
| Bolli għall-Ballut | paġ 12 |



mazzarell

## Faċċata ta' Quddiem

### Ċiefa

(*Calonectris diomedea*- Cory's Shearwater)

Ic-ċiefa hija tajra tal-baħar li tbejjet f'ħofor fl-irdum, fosthom fuq Filfla, fejn b'xorti tajba ma tintlaħaqx min-nies. Xi sajjieda għandhom il-vizzju joqtlu ċ-ċief biex jeħdulu xi żewġ rixiet minn taħt ġwinħajh! Immaġina xi ħadd joqtlok għal żewġ xagħriet minn rasek!

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Isabella Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (ko-ordinatur), Victor Falzon, Angèle Pulis, Chris Pulis.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-16-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin "Il-Ħuttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 4 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1.50 fis-sena.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' s-sors u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Ġunju 1997

# aħbarijiet

## Mustaċċun!



**Fl-1 ta' Ġunju l-Għadira deher għasfur mhux tas-soltu, anzi għasfur li huwa stmat rari ħafna f'Malta. Dan kien Ċirlewwa tal-Mustaċċi** ***Chlidonias hybridus*** **(whiskered tern). Dan l-għasfur iħobb l-ambjent tal-bwar (marshland), u għalhekk post bħall-Għadira se jiġbdu bħal kalamita.**

Bil-Bejta...

## Il-Bagħal tal-Qasab



Il-Bagħal tal-Qasab (reed warbler) huwa għasfur li jħobb jinħeba fil-qasab. Aħna tal-BirdLife ħsibna għalih ukoll - fir-riserva l-ġdida Is-Simar. Is-Simar jikber ħafna iktar qasab milli l-Għadira, u qiegħed ideali għall-Bagħal tal-Qasab. Tant li s-sena l-oħra par minnhom bejjet fir-riserva, allavolja din għadha mihx lesta! U dis-sena reġa' bil-bejta! Għadna ma nafux hemmx iktar minn par wieħed! Aktar aħbarijiet fil-Huttafa li jmiss!

Bil-Bejta...

## Il-Gallozz Iswed



Kważi 'qas tgħidilha iktar aħbar din, għax issa saret ħaġa ta' kull sena. Fir-riserva tas-Simar ukoll reġgħu bil-frieħ il-Glalez Suwed (moorhen). Impossibli tgħid kemm hemm, għax iħobbu jinħbew wisq qalb il-qasab folt. Din tal-Gallozz Iswed hija Storja Suċċess għalina. Ma ninsewx li sa ftit snin ilu l-Gallozz Iswed kien biss għasfur tal-passa, għalkemm hemm rekords li kultant bejjet f'xi barriera mitluqa.

Bil-Bejta...

## Il-Monakella



Il-Monakella (little ringed plover) hija għasfur tax-xtut, li sa ftit snin ilu konna narawha biss fil-passa. Minn mindu l-BirdLife qed tieħu ħsieb l-Għadira, il-Monakella bdiet tidher anke fis-sajf, tiġri max-xtut tal-gżejjer tar-ramel li hemm fir-riserva. U biex turina kemm l-Għadira huwa l-ambjent perfett għaliha, is-sena l-oħra par Monakell bejtu fir-riserva (ara Il-Huttafa 9) . Dan kien l-ewwel rekord għal Malta ta' Monakella tbejjet. U dis-sena... par ieħor reġa' għamel l-istess. Bħalissa għadhom hemm!

# ALIVE

fund for bird protection in the maltese islands

***Fejn taraw il-kelma ALIVE u l-logo ta' l-Ajkla Bajda, hudu interess, hbieb! L-ALIVE hija sforz ġdid bejn BirdLife Malta u medECOLOGY biex inbigħu affarijiet għall-ġid ta' l-għasafar. L-ewwel attività ta' l-ALIVE saret fil-5 ta' Ġunju (Jum l-Ambjent). Dakinhar (u l-għada wkoll) konna qed inbigħu pjanti lill-publiku. Kienet suċċess kbir. 'Il quddiem l-ALIVE se tipproduċi ħafna materjal interessanti. Inżommukom aġġornati.***





# Minn Ġennata... għal Ġenna!




**Madagascar** hija gżira kbira fix-xlokk ta' l-Afrika. Dan huwa post speċjali għan-natura għax fih jgħixu ħafna annimali li ma ssibhom imkien iktar fid-dinja. L-iktar famużi huma l-**lemur**, li minnhom hemm 22 speċi.

Madagascar sofriet ħafna minn id il-bniedem. Ħafna mill-foresti tagħha nqatgħu u nqerdu, u magħhom spiċċaw ħafna annimali u pjanti. Imma fil-foresti li baqa' għad hemm ħajja selvaġġa sinjura ħafna.

Dan l-aħħar kienu se jeqirdu foresta oħra, din id-darba fin-naħa tal-grigal ta' Madagascar. Imma f'daqqa waħda indaħal il-president tal-pajjiż, waqqaf kollox, u flok ma ħalla jsir dad-diżastru, iddikjara l-post park nazzjonali!

Dan il-post issa sar il-**Masaola Peninsula National Park**, u huwa kbir 200,000 ettari (daqs Malta sitt darbiet!). F'dal-park jgħixu biss biss 85 speċi ta' għasafar, 22 speċi ta' mammiferi (fosthom 13-il speċi ta' lemur) u 16-il speċi ta' rettili.

Jalla pajjiżi oħrajn jagħmlu bħal Madagascar!

BBC Wildlife magazine May 1997



**Ring-tailed Lemur**
*Lemur catta*

# Kompetizzjoni 20

Sibu l-ismijiet ta' l-għasafar moħbijin. L-ismijiet jistgħu jkunu mimdudin, weqfin jew imxattrin, bil-quddiem jew b'lura. Immarkawhom, ħudu fotokopja tal-puzzle u ibagħtuha, flimkien ma' isimkom u l-indirizz, lil

**Kompetizzjoni 20**
**Klabb Ħuttaf - BirdLife**
**POBox498**
**Valletta CMR 01**

by Norman Chetcuti (Mr Question Mark)

Ir-rebbieħ jittella' bil-polza fost it-tajbin. Tinsewx: min iqasqas il-Ħuttafa niskwalifikawh. Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 20 **jirbaħ CD ġentilment mogħti minn The Scorpion**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| BUMUNQAR | KUĊĊARDA | PLUVIERA | SUMMIENA | |
| DURRAJSA | PELLIKAN | SARSELLA | VELLERAN | |
| KALANDRA | PENDULIN | SPARVIER | ŻUMBRELL | |
| KULUVERT | PITARRUN | STURNELL | ĊINKONJA | ĊIRLEWWA |



| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | P | C | A | N | E | I | M | M | U | S | P |
| U | P | E | H | P | K | Q | K | U | A | A | I |
| R | A | Q | N | U | M | U | B | R | W | A | T |
| R | R | Q | K | D | L | P | S | W | T | R | A |
| A | S | L | O | U | U | E | E | D | I | D | R |
| J | P | L | V | E | L | L | E | R | A | N | R |
| S | A | E | X | L | R | L | I | E | R | A | U |
| A | R | R | A | I | T | I | I | N | S | L | N |
| T | V | B | Ċ | I | N | K | O | N | J | A | B |
| V | I | M | A | D | R | A | Ċ | Ċ | U | K | I |
| W | E | U | L | L | E | N | R | U | T | S | N |
| T | R | Ż | P | L | U | V | I | E | R | A | J |

Żmien għandkom sal-31 Lulju 1997

Ir-rebbieħa ta' **Kompetizzjoni 19** hija **Chanel Camilleri** mill-Kappara. Chanel tista' tiġbor **is-CD li rebħet** mill-ħanut **The Scorpion** (ara isfel). Importanti li tieħu magħha l-membership card u din il-ħarġa tal-Ħuttafa.

THE SCORPION

*Martial Arts, Keep-fit Sports and Music*

**The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave.,Paola PLA 19**
**Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284**



## Nittrumbjaw fuq...



# il-BARBAĠANN

In-natura ma torqod qatt. Hekk hu! Waqt li aħna nkunu qed nonħru, ħafna annimali jkunu fl-aqwa tagħhom. Dawn l-annimali jissejħu notturni, jiġifieri jkunu l-aktar attivi matul il-lejl. Mill-għasafar notturni, forsi l-aktar wieħed famuż huwa l-barbaġann.





Eric Hosking

Il-barbaġann jaqbad għexieren ta' ġrieden!

**Għasfur bellezza.** Kannella ċar dehbieni minn fuq u abjad silġ minn taħt. Bħall-kokk kollu, wiċċu huwa ċatt u għajnejh iħarsu 'l quddiem. Meta jtir jidher kollu abjad u jispikka fid-dlam.

**Kaċċatur prim.** Il-barbaġann jiekol ġrieden u annimali żgħar notturni bħall-bugeddum *(shrews)*. Il-binja tiegħu tgħinu jikkaċċja: peress li għajnejh iħarsu 'l quddiem, huma tajbin ħafna biex jikkalkulaw id-distanzi; saqajh huma twal, bi dwiefer bil-ponta, ir-rix huwa fin u bellusi, tant li meta jtir ma jagħmel l-ebda ħoss. Tant huwa kaċċatur tajjeb li barbaġann wieħed kapaċi jaqbad għexieren ta' ġrieden f'lejl wieħed. Tistgħu tobsru kemm jagħmel ġid lill-bdiewa.



**Kieku jħalluh!** Kieku jħalluh, il-barbaġann ibejjet fil-gżejjer Maltin. Nies anzjani jgħidu li fi tfulithom kull wied kellu par jew tnejn barbaġann. Is-swar, ngħidu aħna, ta' l-iMdina, ukoll kienu joffru dar għal dan l-għasfur. Fil-fatt l-ambjent Malti huwa perfett biex dan l-għasfur ibejjet. Ġrieden hawn kemm trid, u l-widien huma mimlijin irdumijiet żgħar bi xquq fil-blat fejn il-barbaġann jista' jibni l-bejta.

**Ma jħalluhx!** Iva, ħbieb, l-istorja tas-soltu. Filwaqt li l-bdiewa Ewropej jagħmlu minn kollox biex jiżdied il-barbaġann biex jonqsu l-ġrieden, il-Maltin jippreferu joqtluh u jibbalzmawh. Mhux ta' b'xejn kulħadd ixerred il-velenu tal-ġrieden, ili min jaf kemm jagħmel ħsara lil saħħitna. In-natura għandha soluzzjoni nadifa u effiċjenti, imma aħna naħsbu li nafu iżjed.

**L-aħħar par!** L-aħħar par barbaġann inqatel f'Għawdex ftit tas-snin ilu. Inqatlu l-omm u l-missier, u l-frieħ li kienu fil-bejta mietu bil-ġuħ. Storja kerha, iva.

**Aħna** nistgħu nagħmlu xi ħaġa biex ma terġax tiġri? Infiehmu lil sħabna kemm in-natura hija sabiħa ħajja, u nħajruhom jidħlu membri fi Klabb Ħuttaf!

| |
|---|
| Malti: **Barbaġann** |
| Ingliż: **Barn owl** |
| Xjentifiku: ***Tyto alba*** |

**Mark Falzon**




# Xadina għall-Milied!

**Sur Editur,**

**Għandi 14-il sena u qiegħda fl-iskola Junior Lyceum ta' l-iMrieħel. Fil-Milied li għadda minflok ma bgħatna kartolina lil xulxin fil-klassi u xtrajna rigal lill-form teacher, aħna ġbarna somma żgħira ta' flus bejnietna, u l-form teacher bagħtet il-flus lill-għaqda Care for the Wild. B'dawn il-flus 'adottajna' ċimpanżi għal sena. Din ix-xadina jisimha Tess, hija mara u għandha 13-il sena. L-għaqda Care for the Wild bagħtitilna T-shirt, ritratt tagħha u fuljett bit-tagħrif fuq iċ-ċimpanżis.**

**Dawn iċ-ċimpanżis qegħdin jiġu estinti, għalhekk inkunu qegħdin nagħmlu ħafna ġid ħalli dawn l-annimali jerġgħu jieħdu ħsiebhom.**

**Jiena qed nibgħat din l-ittra biex forsi jkun hawn min jitħajjar jagħmel l-istess bħalma għamilna aħna.**

**Clare Sultana**
**JL Mrieħel**

Għażiża Clare,

Prosit, prosit u prosit! Għamiltu biċċa xogħol tal-ġenn!

Il-Care for the Wild tieħu ħsieb annimali li jiġu bżonn l-għajnuna tan-nies. Fost dawn ikun hemm tigri u, kif semmet inti, ċimpanżis. Ħafna minn dawn ikunu nstabu bħala frieħ orfni, għax ikunu qatlulhom 'l ommhom. Peress li weħidhom ma jgħixux, il-Care for the Wild tieħu ħsiebhom u titimagħhom sa ma jikbru. U biex tagħmel hekk tonfoq kemxa flus sew. Għalhekk hawn min 'jadotta' xi annimal minnhom, jiġifieri jagħti xi ħaġa tal-flus biex iħallas għall-ispejjeż ta' xi annimal.

U barra minn hekk, Clare, iffrankajtu koċċ kartonċin tal-kartolini!

Mill-ġdid prosit, u l-Milied li ġej.. adottaw TIGRA!

L-Editur

# Għasfur b'xortih!

**Għażiż Editur,**

**Kull filgħodu jew filgħaxija għall-ħabta tal-ħamsa nisma' ħafna sparar. Anke issa jien u nikteb qiegħda nisma' l-isparar. Jiena meta nara xi għasfur mejjet veru nitħassru. Saħansitra s-sena l-oħra għasfur tal-bejt niżel fil-ġnien tagħna b'siequ feruta. Jiena qbadtu bil-mod, xarrabthielu bl-ilma, naddafthielu u żammejtu f'gaġġa żgħira. Ftit jiem wara għaddietlu u erġajt tlaqtu.**

**Taf li din is-sena reġa' ġie u għamel il-bejta tiegħu f'wieħed mill-ventilaturi tagħna! Jiena tgħidx kemm ħadt gost.**

**Colette Micallef**
**Rabat**



Għażiża Colette,

Grazzi ta' l-ittra tiegħek. Intom tar-Rabat imdawrin sew bil-kaċċaturi, u ma tistax ma tismagħhomx, ladarba l-vizzju tal-kaċċatur barra milli jweġġa' u joqtol, jagħmel ukoll l-istorbju.

Dwar l-għasfur li semmejtli, nieħu paċir nisma' li fieqlek u tar. Però jekk terġa' ssib għasafar feruti, l-aħjar li tgħaddihom lill-ħabib tagħna Max Farrugia (ċempillu fuq 233321). Dan huwa armat sew biex idewwi għasafar feruti.

L-Editur

**Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk!**




**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**

# wildlink

Jekk qed tagħmlu xi proġett dwar xi annimal jew pjanta, u forsi ma sibtux tagħrif, tistgħu tiktbu lill-espert tagħna Robert Borg fl-indirizz:
**Wildlink**
**Klabb Ħuttaf - BirdLife Malta**
**POBox498**
**Valletta CMR 01.**
Ma' l-ittra ibagħtu envilop bl-indirizz tagħkom u bolla ta' 6ċ, ħalli Robert ikun jista' jwiġibkom direttament..

# Gallerija

Georgina Magro (12)



Żiju

Karl Sullivan (4)



Xagħat

David Micallef (9)



Anaconda

Vincent Leguesse (10)



Pappagall

Karl Farrugia (11)



Għasfur ta' San Martin

Mark Amato (?)



Russett Abjad

## Lill-Artisti tagħna!

**Tpinġux ikbar minn 10ċm x10ċm, użaw karta bajda, tużawx kartonċin u tpinġux bil-kulur. Iktbu isem l-annimal jew pjanta, u tinsewx isimkom u l-età. Aħna ma noqogħdux nagħżlu l-aħjar, tinkwetawx kollha għad jidhru! Imma ftakru li hemm kju qabilkom!**

# Kwiżż bis-Sens



Jekk sentejn ilu ħadtu sehem fl-ewwel Kwiżż bis-Sens li konna għamilna żgur ma nsejtuhx! Ħeqq, meta tieħu pjaċir ma tinsix!
U dis-sena...

## se nagħmlu ieħor !!

Data: **26 Ġunju 1997**
Ħin: **6pm-8.30pm**
Post: **Skola Primarja Furjana**
Dħul: **50¢** (fil-bieb)

- M'għandkomx x'tippreparaw jew x'tistudjaw.
- Iċċekkjaw biss li l-ħames sensi jaħdmu kollha!
- Ejjew, ħudu pjaċir u irbħu!






## *Trid tgħin lin-natura?*


Martin Meury

Xogħol fuq ir-rixtellu ta' l-Għadira

**Kull nhar ta' Sibt issa tista' tmur tagħti daqqa t'id fir-riserva ta' l-Għadira (8am - 12.30pm) jew fir-riserva tas-Simar (1pm - 7pm). Jekk inti żagħżugħ tbigħ is-saħħa u għandek xi Sibt ħieles, aqbeż qabża s'hemm u staqsi għal John Grech. U jekk għandek sieħbek, ħajru jiġi miegħek - erba' idejn aħjar minn tnejn!**

Ħbieb Ħuttaf, meta xi ħwienet jirriklamaw fil-Ħuttafa, agħmlu mill-aħjar biex tixtru minn għandhom. U **dejjem** għidulhom li sirtu tafu bihom mill-Ħuttafa!

Fantasy WORLD

**The PLACE for**
**• toys • games • hobbies •**
**• crafts • stationery •**
**• souvenirs • gifts • sports •**
**• camping/beach •**
**etc.**

**73 St.Rita Street, Rabat MALTA**
**Tel 450610**



***Attention all birdwatchers: Binoculars in stock!***

# Nowtbuk tan-Natura

Desirée Falzon



## Xemx, ksuħat u tadam!



Desirée Falzon

Iktar ma tisħon il-ġurnata, iktar tara gremxul joħroġ jixxemmex. Fil-fatt, kmieni filgħodu ma tarax gremxul jiġri 'l hawn u 'l hemm. Iktar tarah iċċattjat fuq xi ġebla, jixkuma x-xemx. Għalfejn dal-bżonn kollu tax-xemx?

Il-gremxula hija rettilu. Ir-rettili għandhom bżonn is-sħana tax-xemx biex ikunu jistgħu jiċċaqalqu sew. Mingħajr is-sħana, demmhom jiksaħ u ċ-ċaqliq tagħhom jonqos ħafna - anzi jistgħu jmutu wkoll. Għal din ir-raġuni ma tarax gremxul bil-lejl.

Qatt innutajt gremxul iktar ħadrani minn oħrajn? Dawk mhumiex tipi differenti (f'Malta għandna speċi waħda biss ta' gremxula), imma rġiel u nisa. In-nisa jkunu kannella u żgħar, filwaqt li l-irġiel għandhom kulur aħdar fuq sfond iswed, kultant ukoll b'xi tikki ċelesti mal-ġnub. U jkunu ikbar min-nisa.

Minbarra l-kuluri sbieħ, ir-raġel (jew dorbi) fi żmien in-namra jkollu taħt geddumu safrani. Meta jara raġel ieħor, joqgħod jitkessaħ u jgħolli rasu 'l fuq biex juriħ il-kulur sabiħ ta' l-għonq. B'hekk iwissih li jekk ma jitlaqx 'l hemm, ikun se jinqala' l-ġlied!

Jekk trid tosserva l-gremxul mill-viċin, imtedd x'imkien fejn hemm il-gremxul, u itfa' bil-mod biċċiet żgħar (daqs dubbiena) tat-tadam lejhom. Ma ddumx ma tara wieħed ġe iteftef u jilgħaq it-tadam. B'daqsxen paċenzja, tista' ġġibhom anke jieklu minn idejk! Veru! Speċjalmend fin-nixfa tas-sajf, m'hawnx gremxula li kapaċi tirreżisti biċċa tadama!



V.Falzon

## Lejl maċ-Ċief!

**Ta' Ċenċ f'Għawdex huwa post sabiħ immens, imma huwa wkoll importanti għall-għasafar li jbejtu fl-inħawi. Fost dawn hemm il-merill, id-durrajsa, il-bufula ħamra, il-bilbla u ċ-ċiefa. Dawn ta' l-aħħar tbejjet f'ħofor fl-irdum, u lejn il-bejta tersaq biss bil-lejl...**

Klabb Ħuttaf se jagħmel ħarġa biex jgħaddi lejl viċin dawn l-irdumijiet. Matul il-lejl, il-membri jkunu jistgħu jisimgħu l-agħjat taċ-ċief, u forsi... jarawh ukoll!

Data: **5-6 Lulju 1997**

Apparat:

- **Kutra** jew (ħafna aħjar) **sleeping bag** - tinsewx, se norqdu barra!
- **Dlik** għal kontra n-nemus.
- **Flus** għall-vapur u għall-minivan.
- **Torċ**

Ċemplu: **230684** jew **250229** għal aktar dettalji u biex tibbukkjaw.
Ċans sas-**27 Ġunju 1997**.

***Dil-ħarġa hija strettament għall-Ħuttaf li għalqu 14-il sena.***

# Baħħara tal-Galàpagos

**7**

**Tajr tal-baħar tal-Gżejjer Galàpagos. F'din il-ħarġa...**

# Il-Margun tal-Galàpagos

Il-Margun tal-Galàpagos huwa wieħed mill-aktar strambi f'dawn il-gżejjer. Dan il-margun huwa endemiku għall-Galàpagos, jiġifieri ma ssibu mkien iktar fid-dinja.




Dan l-għasfur għandu ġwienaħ żgħar ħafna, u minħabba f'hekk ma jistax itir. Il-vantaġġ li għandu dan l-għasfur huwa li mingħajr ix-xkiel ta' ġwienaħ kbar, sar kapaċi jgħum wara l-priża b'ħeffa tremenda. Għandu wkoll saqajn b'saħħithom, li jgħinuh jogħdos sal-qiegħ biex jaqbad il-priża tiegħu.

L-imragen għandhom drawwa li meta joħorġu mill-baħar, jifthu ġwinħajhom berah u joqogħdu jnixxfuhom ħalli jkunu tajbin biex itiru. Billi l-margun tal-Galàpagos ma jtirx, m'għandux għalfejn jagħmel dan. Imma madankollu dan l-għasfur xorta baqa' jżomm id-drawwa ta' missirijietu, li xi darba kienu jtiru!

Il-margun tal-Galàpagos ibejjet f'kolonji (gruppi) qrib ix-xatt. Jibni bejta kbira mill-algi tal-baħar. Iż-żifna elaborata tan-namra sseħħ fil-baħar. Iż-żewġ għasafar iduru ma' xulxin, jogħlew mill-ilma, iħabbtu ġwenħajhom u jitfarfru.

Dan l-għasfur huwa ta' interess kbir fl-istudju ta' l-evoluzzjoni (kif speċi żviluppaw minn oħrajn), għax faċli tqabbilhom ma' mragen ta' postijiet oħrajn. L-istudjuż famuż Charles Darwin studja dawn l-għasafar fil-Galàpagos u kkonkluda li bħal fil-każ ta' l-għasfur pre-istoriku *Dinornis robustus*, il-ġwienaħ jistgħu jkunu ta' xkiel għal għasafar kbar li jgħixu fi gżejjer ta' l-oċejani. F'inħawi bħal dawn jafu jqumu maltempati ħabta u sabta, b'irjieħ li jfiġġu f'daqqa. Irjieħ bħal dawn huma perikolużi għall-għasafar, għax jistgħu jegħlbuhom, jitfgħuhom 'il bogħod u jintilfu.

**Margun tal-Galàpagos** - *Nannopterum harrisi* - Flightless Cormorant **David Aloisio**



**Birds on CD-ROM**

Ma' dil-ħarġa tal-Ħuttafa għandek tirċievi fuljett dwar **CD-ROM fuq l-għasafar**. Jekk tħobb l-għasafar u għandek kompjuter li jieħu s-CDs, dan huwa l-oġġett għalik!




● BirdLife Nature Shop
**Monday - Friday: 9am-12noon**



# GRUPPI LOKALI

**Ħ'Attard**
Leaders: Isabella Borg, Grace Camilleri, Etienne Grech, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
**Naxxar/Għargħur**
Leaders: Anita Aloisio, Jason Aloisio (K), Fleur Casha, Mark Falzon (K), Justin Vassallo.
**Rabat/Ħad-Dingli**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Alice Micallef, Angèle Pulis, Chris Pulis, Mark Sultana, Ingrid Vassallo, Sharon Żammit.
**Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi**
Leaders: Marthese Attard (K), Ian Balzan, Charles Coleiro, Doreen Coleiro.

(K=Ko-ordinatur)

## Summer School 1997



Ma' dil-Ħuttafa qed nibagħtulkom fuljett dwar **Summer School** jew **Summer Camp 1997**, li jista' jinteressa lilkom jew lil ħutkom. Għal aktar dettalji ċemplu lis-sur **John Saré** fuq numru **686334**.

# Daħħal membri fi Klabb Ħuttaf

## ... u għalik SETT KARTOLINI TAL-ĠENN

Ħajjar lil sħabek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, imlilhom id-dettalji hawn taħt, żid tiegħek ukoll, u ibagħtilna kopja/i tal-formola (tqasqasx il-magażin) flimkien ma' **Lm1.50** miżata għal kull membru li ddaħħal. Kif jaslulna nibagħtulek il-KARTOLINI.

- **Jekk iddaħħal membru WIEĦED tieħu ŻEWĠ kartolini.**
- **Jekk iddaħħal ŻEWĠ membri tieħu ERBA' kartolini.**
- **Jekk iddaħħal TLIET membri tieħu s-sett sħiħ ta' SEBA' kartolini.**

**MEMBRU GDID 1**
Isem ____
Indirizz ____
PostCode
Tel ____ Data tat-Twelid ____

**MEMBRU GDID 2**
Isem ____
Indirizz ____
PostCode
Tel ____ Data tat-Twelid ____



Waħda mill-kartolini - **Mogħża tal-Muntanji!**

**MEMBRU GDID 3**
Isem ____
Indirizz ____
PostCode
Tel ____ Data tat-Twelid ____

**Dettalji TIEGĦEK STESS**
Ismek ____
Indirizz ____
Tel ____

Ibgħat kollox lil **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR01**. Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk, Postal Order jew bolli tas-6ċ.

# X'rat



# il-Kamera!






Victor Falzon

Povru żiemel għajjien wara ġurnata jbati fix-xemx

## BOLLI GĦALL-BALLUT



*Il-bejgħ għadu dejjem tiela'*
*Tlikki tlikki l-flus ġejjin*
*Mindu bdejna dil-kampanja*
*Daħlu wieħed u tletin*

*Bolli għandna għaxart elef*
*Norman veru sar miskin*
*Baħar bolli qed jissortja*
*Minn widnejh issa ħerġin!*



## Għal min għadu ma jafx...

- Faddlu bolli wżati ta' Malta jew ta' barra
- Poġġuhom fl-ilma biex tinqala' l-karta ta' l-envilop
- Ħalluhom jinxfu
- Qegħduhom f'envilop, daħħlu magħhom karta b'isimkom u l-indirizz tagħkom, agħlqu l-envilop, agħmlulu bolla tas-6ċ u ibagħtuh lil:
  **Bolli għall-Ballut**
  **Klabb Ħuttaf - BirdLife Malta**
  **POBox498**
  **Valletta CMR 01**
- Għal kull mija li tibagħtu, nibagħtukom kartolina differenti tan-natura.
- Dawn il-bolli nbigħuhom u jekk ngħaqqdu Lm50 nonfquhom qsari biex fihom jitkabbru siġar tal-Ballut għall-**Foresta 2000.**

**Jekk intom stess** għandkom album u tħobbu tfaddlu l-bolli **tistgħu tixtru** minn għandna stess. Ibagħtu **5 bolli mhux użati tas-6ċ** lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz ta' hawn fuq. Tinsewx tgħidulna min intom u fejn toqogħdu, u jekk triduhom x bolli ta' Malta jew ta' barra. Imbagħad aħna nibagħtulkom **sett ta' tletin bolla differenti.**

**S'issa daħħalna Lm31 minn bejgħ ta' bolli**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |
| Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 | Lm1 |

***Grazzi lil dawn il-Ħuttaf u ħbieb li sa l-aħħar ta' Mejju 1997 ħadu sehem fil-kampanja Bolli għall-Ballut***

Thomas Pace • Dorianne Mercieca • Omar Spiteri • Clive Spiteri • Victor Caruana • Mark Camilleri • Darren Jones • Eman Montebello • Christine Galea • Mandy Cortis • Annetto Schembri • Jean Paul Farrugia • Eman Scicluna • Christian Bonnici • Rosette Bonnici • Antoinette Coleiro • Danielle Farrugia • Amanda Farrugia • Danielle Farrugia (oħra!) • Brandon Lowell • Andrew Scerri • Jean Paul Mifsud • Donna Vella • Timothy Zammit • Anne Marie Galea • Isaac Delmar • Jacob Delmar • Rodrick Grech • Marie Claire Cilia • Therese Attard • Jurgen Pavanello • Ray Bonnici • Nature Conservation Group • Carmelo Briffa SSCN • Charlene Bonnici • Geraldine Powell • Rachel Caruana • Maria Deguara • Adriana Debono • Annmarie Cefai • Reuben Bonnici • Justin Vella • Adrian Borg • Irene Montebello • Audrienne Fenech • Julian Falzon • Christian Brincat • Stefan Muscat • Allister Spiteri • Chris Borg • Alistair Bugeja • Maureen Xuereb • Karen Livori • Anita Muscat • Glorianne Bezzina • Mariana Żammit • Natasha Livori • Nadia Camilleri • Mark P Camilleri • Ruth Mamo • John Joseph Pace • Julian Vella • Ernest Azzopardi • Chris Scalpello • Michael Tufigno • Alex Farrugia • Daniela Deguara • Gabriel Sammut • Manuel Degabriele • Ruth Buttiġieġ • Matthew Ellul • Sebastian Saliba • Kristina Bartolo • Bernd Grueber • Michael Borg Cardona.